



Brussell, 9 ta' Frar 2026  
(OR. en)

15258/25

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0283(NLE)

---

---

PROBA 48  
AGRI 600  
WTO 110  
DEVGEN 207  
FORETS 121

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-emendi għall-Ftehim  
Internazzjonali dwar il-Kawkaw

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar l-approvazzjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C, ..., ELI: ...

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw tal-2010 (il-“Ftehim”) ġie approvat fil-25 ta’ Ġunju 2010 mill-konferenza ta’ negozjar stabbilita taħt l-awspiċji tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp biex tissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw tal-2001. Il-Ftehim daħal fis-seħħ b’mod proviżorju fl-1 ta’ Ottubru 2012 għal perjodu ta’ għaxar snin, sat-30 ta’ Settembru 2022, u sussegwentement ġie estiż sat-30 ta’ Settembru 2026.
- (2) L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ġew awtorizzati f’isem l-Unjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/634/UE<sup>2</sup> u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/189/UE<sup>3</sup>, rispettivament. L-Unjoni Ewropea hija għalhekk parti mill-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw u Membru tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kawkaw.
- (3) Reviżjoni parzjali għar-riforma tal-Ftehim saret meħtieġa biex jitqiesu l-iżviluppi fis-suq globali tal-kawkaw mill-2010. Tali reviżjoni hija wkoll fl-interess tal-Unjoni.
- (4) Il-Kummissjoni ġiet awtorizzata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/675<sup>4</sup> biex tinneozja, f’isem l-Unjoni, biex temenda l-Ftehim fil-kuntest tar-reviżjoni parzjali tiegħu.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/634/UE tas-17 ta’ Mejju 2011 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (ĠU L 259, 4.10.2011, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/634/oj>).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/189/UE tas-26 ta’ Marzu 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (ĠU L 102, 12.4.2012, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2012/189\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2012/189(1)/oj)).

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/675 tal-20 ta’ April 2021 li tawtorizza l-ftuħ ta’ negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (ĠU L 144, 27.4.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/675/oj>).

- (5) It-test tal-Ftehim, kif emendat (“il-Ftehim emendat”) ġie approvat mill-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw fil-106 sessjoni regolari tiegħu li saret mis-27 sad-29 ta’ Settembru 2022.
- (6) L-objettivi tal-Ftehim emendat jibqgħu jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni.
- (7) Fid-dawl tal-għan u l-kontenut tar-reviżjoni parzjali tal-Ftehim, jenħtieġ li l-emendi għall-Ftehim jiġu approvati f’isem l-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw huma b'dan approvati f'isem l-Unjoni Ewropea<sup>5</sup>.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>5</sup> It-test tal-Ftehim dwar il-Kawkaw tal-2010, kif emendat fl-2022, huwa ppubblikat fil- ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal-ĠU għat-test tal-Ftehim emendat li jinsab fid-dokument ST 15259/25].